# TALBA TAL-BARKA
# FL-INAWGURAZZJONI
# TAL-BINJA L-ĠDIDA TAL-PARLAMENT MALTI
# 4 TA' MEJJU 2015

L-Arċisqof

Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

℟. Ammen.

L-Arċisqof

Nitolbu flimkien kif għallimna
s-Sid u s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu:

Kulħadd

Missierna, li Inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid Inti kif fis-sema hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
aħfrilna dnubietna
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina
u la ddaħħalniex fit-tiġrib
iżda eħlisna mid-deni.
Ammen.

L-Arċisqof

Il-Mulej magħkom.

℟. U miegħek ukoll

L-Arċisqof

Nitolbu. (skiet qasir)

O Alla,
Inti lqajt bil-ferħ it-talba tas-Sultan Salamun
biex tagħtih l-Ispirtu tal-għerf u tad-dehen
ħalli jmexxi lill-poplu tiegħek bil-għaqal u mingħajr tfixkil;
tajtu dak li talab u żejjintu wkoll b'kull ġid ieħor.

Bierek ✠ nitolbuk u agħti l-istess Spirtu
lill-membri ta' dan il-Parlament,
li ġew magħżula demokratikament mill-Poplu Malti
biex b'responsabiltà jilleġislaw għall-ġid komuni.
Agħmel li, imdawlin bil-għerf u bid-dehen li ġej minnek,
ikunu jistgħu huma wkoll
imexxu ħidmiethom bil-għaqal u bil-ġustizzja,
u hekk ikollna s-sliem u l-ħelsien veru f'kull qasam tal-ħajja,
għar-rispett u l-imħabba lejn xulxin,
biex isseddaq l-għaqda fil-Maltin u s-sliem.
Bi Kristu Sidna.

℟. Ammen.